**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 57 tas-27 ta' Novembru 2017 dwar it-talba għal _ruling_ magħmula mill-Onor. Godfrey Farrugia dwar id-drittijiet ta' Membri tal-Partit Demokratiku fil-Parlament**

Fis-Seduta 55 tal-21 ta' Novembru 2017, l-Onor. Godfrey Farrugia talab lis-Sedja hekk:

> "**ONOR. GODFREY FARRUGIA:** Sur President, f'din il-Kamra niftaħru dwar id-drittijiet, dwar l-ugwaljanza, li ma nittollerawx diskriminazzjoni, li aħna inklussivi u li aħna lkoll demokratiċi. Dan jingħad kemm min-naħa tal-Gvern, kif ukoll min-naħa tal-Oppożizzjoni.
>
> Jien u l-Onor. Marlene Farrugia f'din il-Kamra nirrappreżentaw lill-Partit Demokratiku u nifformaw parti mill-Oppożizzjoni li hi komposta minn żewġ partiti.
>
> Hu stat ta' fatt, li kemm jien u kemm l-Onor. Marlene Farrugia, xi drabi niffaċċjaw diffikultajiet fl-allokazzjoni ta' ħin għal dibattitu, b'mod partikolari meta jkun hemm ftehim dwar ħin maqsum indaqs. Jien ma rrid nieħu ħin minn ta' ħadd, iżda tiegħi rrid nieħdu.
>
> Qed nitlob għalhekk lis-Sedja biex tindirizza dan il-fatt u tipproteġi d-dritt tal-fehma u l-espressjoni, b'_ruling_ biex jissalvagwardja l-interessi taż-żewġ membri msemmija, li huma eletti fil-Parlament li hu Parlament rappreżentattiv."

Is-Sedja wiegħbet li se tikkonsidra t-talba tal-Onorevoli Membru u li se tkun qed tagħti _ruling_ fil-ħin opportun.

Is-Sedja tifhem il-preokkupazzjoni espressa mill-Onor. Godfrey Farrugia f'każijiet li hu, jew l-Onor. Marlene Farrugia - li huma parti mill-Oppożizzjoni - ma jiġux allokati ħin min-naħa tal-Oppożizzjoni f'każijiet meta l-ħin għal xi dibattitu fil-Kamra jkun limitat.

Is-Sedja tibda billi tinnota li skont l-Ordnijiet Permanenti 46 u 49, kull Membru Parlamentari li jqum jew li jitlob lis-Sedja biex jitkellem, ladarba jkun ġie msejjaħ mis-Sedja, dak il-Membru għandu dritt jitkellem.

Fil-fatt, l-Ordni Permanenti 46 jgħid hekk:

> "Meta l-membru jqum biex jitkellem, jiġi msejjaħ mill-Ispeaker jew mill-President, skont il-każ, u jekk iżjed minn membru wieħed iqumu fl-istess ħin, il-membru li jkun hekk imsejjaħ ikollu d-dritt jitkellem. Il-membri, waqt li jkunu qed jitkellmu, jindirizzaw ruħhom lejn l-Ispeaker jew il-President."

L-Ordni Permanenti 49 jitkellem dwar limiti ta' żmien għad-diskors u jgħid ċar u tond li ebda Membru m'għandu jitkellem għal iżjed minn 40 minuta. Illum dan l-Ordni Permanenti huwa sorpassat permezz tal-Mozzjoni ta' Proċedura 46 li tressqet mill-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, l-Onor. Chris Cardona, fis-Seduta tal-14 ta' Lulju 2017. Din il-Mozzjoni tgħid biċ-ċar li ebda Membru m'għandu jitkellem għal iżjed minn 30 minuta f'ħin wieħed u waqt id-diskussjoni fil-Kamra, ħlief fuq il-Mozzjoni diretta ta' nuqqas ta' fiduċja meta Membru jkun jista' jitkellem għal siegħa.

Għalhekk skont l-Ordnijiet Permanenti, f'ċirkostanzi fejn il-ħin allokat għad-diskussjoni ma hux limitat, ċjoè meta jiġi biex jitkellem dwar xi Abbozz ta' Liġi jew waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari, dan id-dritt ma jistax jiġi mittiefes peress li huwa garantit bl-Ordnijiet Permanenti kif ukoll bil-Mozzjoni ta' Proċedura viġenti.

Il-preokkupazzjoni tal-Onor. Godfrey Farrugia tqum meta jkun hemm limitu fuq il-ħin li jkun allokat għal seduta partikolari, fejn allura d-dixxiplina tal-ħin tkun f'idejn il-Whips rispettivi. Nifhem li l-Onor. Godfrey Farrugia talab dan ir-*ruling* għal din ir-raġuni.

Qabelxejn, is-Sedja tirrileva li l-Ordnijiet Permanenti ma jitkellmux dwar partiti politiċi, imma jitkellmu fuq gvern u oppożizzjoni. Dan b'mod partikolari meta jirreferu għall-kompożizzjoni tal-kumitati parlamentari. Tant hu hekk li l-paragrafu (a) tas-subartiklu (2) tal-Ordni Permanenti120B jgħid hekk:

> "tistabbilixxi l-għadd ta' membri li joqogħdu fil-kumitat permanenti, li għandu hekk jintgħamel b'dak il-mod li jidher li jkun prattikabbli għall-Kamra b'hekk li jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-Kamra b'mod ġenerali, u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni b'mod partikolari;"

Is-subartiklu (4) tal-Ordni Permanenti120E mbagħad jgħid hekk:

> "Wieħed minn dawk il-membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni u hekk magħżul minnu wara li jkun ikkonsulta lill-Kap tal-Kamra għandu jinħatar bħala President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi."

Minn dan joħroġ ċar illi l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti li jirregolaw dak kollu li għandu x'jaqsam mal-proċedura ta' dan il-Parlament, ma jitkellmux fuq partiti politiċi imma jitkellmu fuq Gvern u Oppożizzjoni.

Is-Sedja tinnota li l-Kostituzzjoni tirreferi għal Oppożizzjoni waħda fil-Parlament, kemm jekk din tkun iffurmata minn partit wieħed jew aktar. Hawnhekk is-Sedja tagħmel referenza għall-artikolu 90 tal-Kostituzzjoni li jgħid hekk:

> **90.** (1) Għandu jkun hemm Kap tal-Oppożizzjoni li jkun maħtur mill-President.
> (2) Kull meta jkun hemm lok għall-ħatra ta' Kap tal- Oppożizzjoni, il-President għandu jaħtar -
>
> > (*a*) jekk ikun hemm partit ta' oppożizzjoni wieħed li l-forza numerika tiegħu fil-Kamra tad-Deputati tkun akbar mill-forza ta' <u>kull partit ieħor ta' oppożizzjoni</u>, il-membru tal-Kamra tad-Deputati li jkun il-Kap ta' dak il-partit; jew
> > (*b*) jekk, minħabba egwaljanza fil-forza numerika <u>tal-partiti ta' oppożizzjoni</u> fil-Kamra jew minħabba li ma jkunx hemm partit ta' oppożizzjoni, ebda persuna ma tkun kwalifikata għall-ħatra skont il-paragrafu (*a*) ta' dan is-subartikolu, il-membru tal-Kamra li, fil- ġudizzju tal-President, ikollu l-appoġġ tal-akbar grupp.

Is-Sedja kkonstatat li l-Partit Demokratiku li qed jagħmel referenza għalih l-Onor. Godfrey Farrugia huwa partit reġistrat skont il-liġi. Infatti, is-Sedja rat ukoll fid-dettall il-kawża li kienet ġiet deċiża fis-26 ta' Ġunju 2017 mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rikors 244 tal-2017 fil-kawża Perit Daniel Micallef u l-Avukat Lydia Abela, fil-kwalità rispettiva tagħhom ta' President u

Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali għan-nom u fl-interess tal-Partit Laburista kontra l-Kummissjoni Elettorali u b'digriet tat-13 ta' Ġunju 2017, issejħu fil-kawża l-Onor. Simon Busuttil, Rosette Thake u l-Avukat Anne Fenech fil-kwalità rispettiva tagħhom ta' dak iż-żmien Kap, Segretarju Ġenerali u President tal-Eżekuttiv f'isem il-Partit Nazzjonalista, u l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Frederick Azzopardi.

Il-Qorti, fuq l-argument li ressaq il-Partit Laburista, fil-paragrafu 24 tal-istess deċiżjoni qalet hekk:

> "Il-PL jgħid ukoll illi l-ftehim tat-28 ta' April 2017 bejn il-PN u l-PD juri li ż-żewġ partit żammew l-awtonomija tagħhom, kemm fl-għażla ta' kandidati u kemm fid-dixxiplina ta' kull partit fuq il-membri tiegħu."

Fil-paragrafu 25 il-Qorti tkompli tgħid hekk:

> "Dan ukoll huwa minnu, iżda l-fatt li jeżistu żewġ partiti magħżula minn xulxin ma jfissirx illi xi membru ta' partit ma jistax jitressaq bħala kandidat fl-interess ta' partit ieħor;"

Fil-fatt, fil-paragrafu 21 il-Qorti tagħmel referenza għall-fatt li:

> "... meta fil-5 ta' Lulju 2016 irreġistra għall-għanijiet tal-Kap. 544 il-PD iddikjara "*the intention of the party to present candidates for elections"*. Il-fatt iżda li fil-5 ta' Lulju 2016 kellu l-ħsieb li jressaq kandidati għall-elezzjoni ma jfissirx li fit-3 ta' Ġunju fil-fatt ressaq kandidati għall-elezzjonijiet".

Dan ifisser li dwar il-punt dwar jekk il-Partit Demokratiku huwiex partit reġistrat jew le, huwa stat ta' fatt li l-PD huwa reġistrat skont il-liġi elettorali, iżda d-drittijiet li għandu partit fil-Parlament huma determinati biss minn jekk huwiex parti mill-gvern jew parti mill-oppożizzjoni.

Fiċ-ċirkostanzi, is-Sedja ma tħossx li għandha tidħol fl-istess *decide* tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-korrettezza tal-Kummissjoni Elettorali fir-rigward tal-Membri eletti mill-Partit Demokratiku li jiffurmaw parti mill-Oppożizzjoni, ladarba hawnhekk nitkellmu fuq il-kunċett ta' gvern u oppożizzjoni.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal korrispondenza elettronika li għaddiet bejn l-Iskrivan tal-Kamra u l-Onor. Marlene Farrugia, illum parti mill-Oppożizzjoni u membru prominenti fil-Partit Demokratiku kif reġistrat fl-2016, dwar il-laqgħa li nżammet fil-Parlament fl-okkażjoni taż-żjara tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament Ewropew. Fir-risposta data 21 ta' Novembru 2016 is-Sedja, tramite l-Iskrivan tal-Kamra, irrakkomdat li l-Onor. Farrugia tiddiskuti t-talba tagħha, ċjoè li tagħmel intervent bħall-mexxejja taż-żewġ partiti l-oħra, mal-*Whip* tal-Oppożizzjoni, dak iż-żmien l-Onor. David Agius, u nikkwota:

> "... sabiex flimkien taslu għal ftehim dwar il-ħin li għandu jiġi allokat għall-intervent tiegħek, bil-ħin miftiehem jittieħed dejjem mill-ħin allokat għall-Oppożizzjoni."

Is-Sedja fil-komunikazzjoni tagħha żiedet tgħid hekk:

"Dan *stante* li skont l-istess Kostituzzjoni huwa Membru wieħed li jinħatar bħala Kap tal-Oppożizzjoni."

Madankollu, is-Sedja tara li jekk l-Onor. Godfrey Farrugia jew l-Onor. Marlene Farrugia jħossu li għalkemm huma parti mill-Oppożizzjoni jkunu qed jiġu mċaħħda d-dritt li jitkellmu fil-Kamra mill-*Whip* tal-Oppożizzjoni meta d-diskussjoni tkun suġġetta għal limitu ta' ħin, għandhom minnufih jitolbu lis-Sedja biex jingħataw il-protezzjoni u d-dritt biex jitkellmu; is-Sedja mbagħad tagħti l-ħin hi mill-ħin li jkun allokat għall-Oppożizzjoni b'mod ġust skont in-numru ta' kelliema. Dan ifisser li b'mod proporzjonali, il-ħin jiġi allokat b'mod ġust lill-istess membri msemmija.

Dan japplika wkoll għal meta membru jew membri min-naħa tal-Oppożizzjoni, f'dan il-każ qiegħed nagħmel dejjem referenza għall-Onor. Godfrey Farrugia u għall-Onor. Marlene Farrugia, ikunu jridu jagħmlu diskors wara li jsir l-aġġornament tal-Kamra u għal xi raġuni ma jkunux qegħdin jingħataw dan id-dritt. Dan id-dritt jiġi salvagwardjat ladarba ssir talba lis-Sedja biex il-membri inkwestjoni jingħataw dan l-istess dritt skont il-proporzjon tat-30 seduta allokati għall-Oppożizzjoni b'mod relattiv lill-istess membri.

Is-Sedja għamlet referenza għal dak li jgħid l-Erskine May fir-rigward u nikkwota minn paġna 520 tal-24 edizzjoni:

***Time-limited debates***
*The House commonly limits debates to a specific number of hours. If such debates are interrupted, for example by a statement, the time limit is correspondingly extended. Within the overall limit, the amount of time allotted to particular speakers is calculated in advance and stated on the list of speakers.*

*The following time limits apply:*

| ***Length of debate*** | ***Opening speech*** | ***Opposition replies*** | ***Ministerial reply*** |
|---|---|---|---|
| *Under 2 hours* | *12* | *8* | *15* |
| *2 hours or over* | *15* | *10* | *20* |
| *4 hours or over* | *20* | *12* | *25* |

*The remaining time is divided equally among the other speakers on the speakers' list. If the number of speakers on the speakers' list is small, every speaker enjoys an equal speaking time (up to the recommended maximum of 15 minutes for any speech), except for the Minister in reply who has at least the guaranteed minimum time set out in the table. At the appropriate time before the end of the debate, whoever is speaking is expected to give way to the front benches.*

Filwaqt li s-Sedja hija konxja li din hija prassi adottata fil-House of Lords u mhux fil-House of Commons, l-applikazzjoni ta' tali proċedura xorta waħda tibqa' tiddependi fuq il-koperazzjoni ta' naħa tal-Kamra li tagħti indikazzjoni tan-numru ta' kelliema li għandha.

Is-Sedja għaldaqstant, bħalma għamlet drabi oħra, qed tappella għal buon sens sabiex l-ebda Membru fil-Kamra ma jiġi miċħud id-dritt tiegħu li jindirizza lill-Kamra. Is-Sedja qiegħda

tagħmel din ir-rakkomandazzjoni peress li la huwa normali u lanqas teknikament tista' – salv is-salvagwardji li tajt aktar kmieni f'dan ir-*ruling* – tidħol fl-arranġamenti li jsiru kemm mill-gruppi parlamentari tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni sabiex jiġi stabbilit min u għalkemm ħin Membru jista' jitkellem.

Nonostante dan, kif dejjem għamlet fil-passat, is-Sedja dejjem se tibqa' tipprova twassal għal ftehim jekk u meta tinqala' kwestjoni simili.

Ir-*ruling* huwa deċiż.